"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 13/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 20 ta' Diċembru 2010 fit-8.30am**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 12/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u R.Zahra issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/12 -* Tressqet talba minn resident sabiex fi Triq Tal-Papa issir *sleeping policeman* minħabba l-periklu li qed ikun hemm. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li sabiex jiġi evitat il-periklu fit-triq imsemmija għandha titwaħħal mera u jsiru *road markings* neċessarji. Ukoll fl-istess triq R.Zahra ġibed l-attenzjoni li aktar l'isfel biswit il-palazz hemm bżonn ta' *refreshing* ta' *road markings.*

*02/12 -* Il-Kamra ddiskutiet ic-*charter* sabiex il-Kunsill Lokali ikun parti mill-applikazzjoni li ser tagħmel Malta għall-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018. Dan iċ-*charter* ser jorbot lill-Kunsilli li jiffirmawh li jentużjażmaw irwieħhom u jgħinu, kif jistgħu, biex din l-okkażżjoni tkun suċċess. Mhux ser jorbothom b'piż finanzjarju. Il-Kamra qablet li s-Segretarju Eżk. għandha tiffirma dan il-kuntratt f'isem il-Kunsill Lokali sabiex nidħlu sħab f'din l-inizjattiva.

## ***AĠENDA -3***

Is-Segretarju Eżk. ippreżentat quddiem il-Kamra r-rapport ta' ħidma kif ukoll il-Budget 2011 li ser jiġi ppreżentat nhar l-4 ta' Jannar 2011 fil-Laqgħa Pubblika. Il-Kamra approvat kemm ir-rapport kif ukoll il-Budget ghas-sena 2011.

***AĠENDA -4***

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet :

- **Kwotazzjoni Nru. 11/10 : Servizz ta' Tindif – Żona 1 Tal-Papa**

  Kuntrattur Nru. 1 - New Era Waste Services - € 1095 Vat inkluż

  Peress li kien l-uniku kuntrattur li kwota, il-Kamra qablet li tagħżel lilu għal dan is-servizz mitlub.

- **Kwotazzjoni Nru. 12/10 : Servizz ta' Tindif – Żona 2 Qajjenza**

  Kuntrattur Nru. 1 - Ronald Bezzina - €2000 Vat inkluż

  Peress li kien l-uniku kuntrattur li kwota, il-Kamra qablet li tagħżel lilu għal dan is-servizz mitlub.

- **Kwotazzjoni Nru. 13/10 : Servizz ta' Tindif – Żona 3 Birżebbuġa Ċentru**

  Kuntrattur Nru. 1 - Ronald Bezzina - €280 Vat inkluż għal kull darba li ssir.

  Peress li kien l-uniku kuntrattur li kwota, il-Kamra qablet li tagħżel lilu għal dan is-servizz mitlub.

- **Kwotazzjoni Nru. 14/10 : Printing tal-Fuljett tal-Kunsill**

  Kuntrattur Nru. 1 - Union Print - €1783 Vat inkluż
  Kuntrattur Nru. 2 - Veritas Press - €1360 Vat inkluż

  Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lil Kuntrattur Nru. 2 – Veritas Press peress li kien l-orħos wieħed u minħabba li hu l-istess Kuntrattur tas-sena l-oħra nitolbuh li tinbidel il-*layout.*

- **Kwotazzjoni Nru. 15/10 : Perit li jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali f'affarijiet legali**

  Ħadd ma kwota.

***AĠENDA -5***

Il-Kamra approvat biex iż-żewġ skrivani tal-Kunsill jiġu allokati bil-*full performance bonus* skond kif stipulat fil-liġi. Ukoll approvat li titlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-Segretarju Eżk. jiġi allokat bil-*full performance bonus* skond kif stipulat fil-liġi. Is-Segretarju Eżk. f'ismu u f'isem l-iskrivani rringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillieri.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Diċembru 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €195,718.78 titħallas skond Skeda Nru. 12/10.

***AĠENDA -7***

1. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li f'Jannar ser issir laqgħa minn rappreżentanti tal-GAL Xlokk sabiex jinfurmaw lill-Kunsill dwar il-proġett li ser japplikaw għalih taħt il-programm Leader.

2. Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra r-rapporti finanzjarji li jkopru l-attivita' ta' 'L-Anzjan tas-Sena' u l-Ftehim ta' Ħbiberija ma' Porto San Giorgio. Il-Kamra approvat diskrepanza ta' €243.40 u €642.02 rispettivament.

3. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li l-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Tal-Ġebel għadhom imwaqqa'.

4. J.Borg informa l-Kamra li wara l-laqgħa li kellu ma' grupp ta' żgħażagħ fir-rigward tal-President's Award, grupp ta' ħames żgħażagħ daħlu għal din l-inizjattiva u ser ikunu qed jieħdu sehem f'isem il-Kunsill Lokali.

5. B.Pace infurmat lill-Kamra li nhar it-Tnejn, 27 ta' Diċembru ser torganizza l-ħarġa tal-Milied għat-tfal.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fl-10.10am. Seduta oħra ser issir nhar, il-Erbgħa, 9 ta' Frar 2011 fis-6.30pm.

| ......................................... | .............................................. |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

| Schedule of Payments 12/10 | | | |
|---|---|---|---|
| **Period 01/12/2010 till 31/12/2010** | | | |
| **Cheque** | **To** | **For** | **Amount** |
| 8149 | Alfred Schembri & Sons Ltd. | Triq Birzebbuga - Pavement | €30,000.00 |
| 8240 | Segretarju Permanenti OPM | Advert | €100.00 |
| 8241 | Portughes | Dry Cleaning | €100.00 |
| 8243 | Alfred Schembri & Sons Ltd. | Triq Birzebbuga - Pavement/Roundabout Final Pymnt | €94,983.43 |
| 8244 | Maltapost | Postage | €95.00 |
| 8245 | Swallow Ltd | Transport | €251.75 |
| 8216 | Attard Services Ltd | Paint | €103.99 |
| 8246 | General Ecological Services Co.Ltd | Cleaning of rain water culverts | €757.04 |
| 8247 | J.J. Ironmongery | Various Hardware Supplies | €1,476.93 |
| 8248 | Ronald Bezzina | Extra Work October '10 | €30.00 |
| 8248 | Ronald Bezzina | Cleaning of Public Convenience November '10 | €1,017.29 |
| 8248 | Ronald Bezzina | Cleaning of Public Places November '10 | €332.92 |
| 8249 | Go plc | Telephone Bills October '10 & November '10 | €712.47 |
| 8251 | ELC | B'Buga Roundabout - plants, weedmat, labour etc | €3,909.09 |
| 8252 | ELC | Upkeep of Public Gardens November '10 | €1,147.92 |
| 8253 | Smart Office Supplies Ltd | Fax Machine refill & Stationery | €273.80 |
| 8254 | Nexos Street Lighting Ltd | Lighting Repairs/Maintenance | €1,668.49 |
| 8255 | Elmein Ltd | Lift Maintenance | €54.98 |
| 8256 | Erremme Business Advisors | Professional Fees | €350.00 |
| 8257 | Alfred Schembri & Sons Ltd. | Supply of Kerbs, Conc & Aggr. & various works | €25,980.13 |
| 8258 | JM Installations | Lighting repairs | €2,556.68 |
| 8259 | Dove's Petshop | Various Supplies (Aug to Nov '10) | €2,234.90 |
| 8260 | Tino 2000 | Office Supplies | €31.90 |
| 8261 | Print Right Ltd | Printing of Birthday Cards | €220.66 |
| 8262 | Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Money Insurance Renewal 01/01/11 - 31/12/11 | €63.00 |
| 8263 | New Era Waste Services | Street Cleaning November '10 | €1,939.58 |
| 8264 | RVS Ltd | Refuse Collection November '10 | €7,504.00 |
| 8265-8270 | Wages & Salaries | Wages & Salaries November '10 | €4,255.70 |
| 8287 | Pauline Ellul | Office Cleaning November '10 | €114.00 |
| 8288 | Golden Gate | Toners | €151.69 |
| 8289 | Raymond Cutajar | School Hall Opening July - Oct '10 | €389.94 |
| 8290 | Ronald Bezzina | Bulky Refuse November '10 | €375.00 |
| 8291 | M.G. Pulis | Spare parts & labour for agricultural machines | €67.75 |
| 8292 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Road Signs | €187.91 |
| 8271 | Tat-taljan | Gemellagg | €1,698.00 |
| 8272 | Alexandra Hotel | Gemellagg | €2,751.00 |
| 8273 | Supreme Travel | Gemellagg | €653.52 |
| 8275 | Graces Co. Ltd. | Gemellagg | €300.00 |
| 8276 | Ghaqda Muzikali San Pietru fil-Ktajjen | Gemellagg | €125.00 |
| 8277 | Socjeta Fil. San Pietru Banda Buga | Gemellagg | €125.00 |
| 8278 | Duraprint | Gemellagg | €482.62 |
| 8279 | Mannarinu Ltd. | Gemellagg | €1,125.00 |
| 8280 | Alexandra Hotel | Gemellagg | €650.00 |
| 8281 | Turbolight | Gemellagg | €350.00 |
| 8282 | Pierre Cachia | Gemellagg | €450.00 |
| 8283 | Paul Curmi Dancers | Gemellagg | €194.70 |
| 8284 | Corazon Mizzi | Gemellagg | €150.00 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 8285 | BE Support Team Ltd. | Gemellagg | €236.00 |
| 8286 | F.Caruana Bros Ltd. | Gemellagg | €150.00 |
| 8301 | Rocco Zahra | Allowance | €360.00 |
| 8302 | Joseph Farrugia | Allowance | €680.00 |
| 8296 | Joseph Baldacchino | Allowance | €360.00 |
| 8297 | Jesmond Borg | Allowance | €360.00 |
| 8298 | Bernardette Pace | Allowance | €360.00 |
| 8299 | Anthony Roberts | Allowance | €360.00 |
| 8300 | Sarah Cuschieri | Allowance | €360.00 |
| | - | **Total Paid** | **€195,718.78** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**